



Brussell, 3 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

14860/1/18
REV 1

LIMITE

FRONT 416
SIRIS 166
CODEC 2136
COMIX 656

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0330(COD)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta li jħassar l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill Nru 98/700/ĠAI, ir-Regolament (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Fuq il-bażi tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju li għadda u bħala kontribut għas-summit informali f'Salzburg fid-19 u l-20 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni Ewropea fit-12 ta' Settembru 2018 ipproponiet mandat ġdid ta' tisħiħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Fis-summit informali f'Salzburg, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern esprimew id-determinazzjoni komuni tagħhom li bħala prijarità jmexxu 'l quddiem il-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Ottubru 2018 tenna l-istedina tiegħu lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jeżaminaw il-proposta dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG) bħala kwistjoni ta' prijarità.

Fil-Kunsill ĠAI fil-Lussemburgu fit-12 ta' Ottubru 2018, id-diskussjoni kkonfermat appoġġ ġenerali għal mandat imsaħħaħ, speċjalment f'dak li jirrigwarda attivitajiet ta' ritorn u operazzjonijiet tal-Aġenzija f'pajjiżi terzi. Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Fruntieri, kif ukoll fil-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Asil (SCIFA) fit-23 ta' Ottubru 2018 ikkonfermaw dan.

Fuq il-bażi ta' dan l-appoġġ ġenerali tal-Istati Membri u sabiex jinżamm il-momentum għan-negozjati, il-Presidenza ddeċidiet li tipprova tikseb approċċ ġenerali parzjali dwar iż-żewġ kwistjonijiet imsemmijin hawn fuq.

A) Id-dispożizzjonijiet dwar l-azzjoni mill-Aġenzija fil-qasam tar-ritorn

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fis-sessjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2018, iddeċieda li jistieden lill-Kunsill jikkonferma approċċ ġenerali parzjali fuq il-bażi ta' kompromess li jinsab fl-Artikoli 49-1 sa 54. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jinsabu fl-Anness għal din in-Nota, fihom ċerti modifiki, meta mqabbla mat-test li tressaq quddiem il-Coreper fit-28 ta' Novembru 2018, sabiex jirriflettu l-eżitu ta' dik id-diskussjoni.

Il-Presidenza qieset il-biċċa l-kbira tat-tħassib u s-suġġerimenti espressi mill-Istati Membri waqt id-diskussjonijiet imsemmijin hawn fuq. Fuq dawn il-linji, it-test ta' kompromess tal-Presidenza indirizza primarjament il-kwistjonijiet li ġejjin:

a) Il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija u l-Istati Membri fil-qasam tar-ritorn

Sabiex jiġi enfasizzat ir-rwol primarju tal-Istati Membri u r-rwol ta' appoġġ tal-Aġenzija fil-qasam tar-ritorn, il-Presidenza għandha l-għan li permezz ta' Artikolu 49-1 ġdid tiċċara li l-miżuri kollha marbutin mal-implimentazzjoni tal-miżuri relatati mar-ritorn għandhom jitwettqu jew fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat inkella fuq inizzjattiva tal-Aġenzija u bi qbil mal-kompetenza ta' dak l-Istat Membru u soġġett għaliha.

b) Assistenza teknika u operazzjonali lill-Istati Membri fil-fażijiet kollha ta' ritorn

Wara suġġerimenti minn għadd ta' delegazzjonijiet, il-Presidenza speċifikat fl-Artikolu 49 li l-Aġenzija tagħti assistenza teknika u operazzjonali fil-fażijiet kollha tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż attivitajiet ta' wara r-ritorn u wara l-wasla u ritorn volontarju assistit. It-test jipprevedi wkoll appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp ta' sistemi nazzjonali għall-ġestjoni ta' każijiet ta' ritorn.

- c) Sistemi għall-iskambju ta' informazzjoni u l-ġestjoni ta' ritorn

Il-proposta ta' kompromess tispeċifika li d-data personali li għandha tiġi pproċessata mill-Aġenzija għandha tinkludi b'mod partikolari data bijometrika jew bijografika fejn tkun meħtieġa biex tiġi kkonfermata l-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

B) Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi

It-test ta' kompromess tal-Preżidenza tal-Artikoli marbutin mal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-proposta (Artikoli 72-29) għandu l-għan li primarjament jindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin:

- a) L-Istati Membri jistgħu jikkooperaw ma' pajjiżi terzi fl-oqsma koperti mir-Regolament. Kooperazzjoni bħal din tista' ssir fuq il-bażi ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali, forom oħra ta' arranġamenti jew permezz ta' networks reġjonali.
- b) Bosta Stati Membri għibdu l-attenzjoni għall-fatt li l-operazzjonijiet fuq it-territorju ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu fuq bażi volontarja. Il-Preżidenza ppruvat tindirizza din il-kwistjoni billi żiedet paragrafu 3a ġdid fl-Artikolu 75. Għe appoġġat b'mod qawwi mill-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet suġġeriment biex l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jagħżlu li ma jagħtux il-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom għal operazzjoni f'pajjiżi terzi jekk ikunu qed iħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjoni li sostanzjalment taffettwa t-tweġġ ta' kompiti nazzjonali jew fejn is-sigurtà tal-persunal li jieħu sehem ma tkunx tista' tiġi garantita b'mod li jissodisfa l-Istat Membru kkonċernat. Konsegwentement, il-Preżidenza ddeċidiet tinkludih fit-test bejn parentesi kwadri, filwaqt li ċċarat b'nota f'qiegħ il-paġna li ser ikun soġġett għal aktar negozjati f'diskussjonijiet futuri dwar il-korp permanenti.
- c) Ir-rwol tal-Kummissjoni b'rabta mal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi kien is-suġġett ta' diskussjonijiet twal waqt il-laqgħat tal-Kunsillieri tal-ĠAI. Bil-proposta ta' kompromess attwali l-Preżidenza temmen li sabet bilanċ bejn l-obbligu tal-Istati Membri li jagħtu notifika li ġej mit-Trattati u s-sovranietà tal-Istati Membri. Qabel ma jiġi konkluż ftehim bilaterali jew multilaterali ġdid imsemmi fl-Artikolu 73 (1), l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet tiegħu li huma marbutin mal-ġestjoni tal-fruntieri u mar-ritorn.

- d) Fuq il-bażi tat-test ta' kompromess, jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-riżerva li minnha l-Aġenzija tista' tistazzjona uffiċjali ta' kollegament f'pajjiżi terzi, biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu nnominati esperti oħrajn għajr dawk li huma parti mill-persunal statutorju tal-Aġenzija. Skont ix-xewqa ta' għadd ta' delegazzjonijiet il-kompromess jipprevedi li l-Aġenzija tingħata l-possibbiltà li tappoġġa l-istazzjonar ta' uffiċjali ta' kollegament tar-ritorn minn Stat Membru, f'pajjiżi terzi fejn l-Aġenzija nnifisha ma tkunx stazzjonat uffiċjali ta' kollegament tar-ritorn.

Il-Presidenza tixtieq tisħaq li l-impatt tal-kompożizzjoni tal-korp permanenti b'rabta mal-attivitajiet tal-Aġenzija f'pajjiżi terzi għandu jiġi ċċarat fi stadju aktar tard matul in-negozjati dwar l-istabbiliment tal-korpi permanenti.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qiegħed jistieden lill-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali parzjali dwar l-Artikoli 49-1 sa 54 u 72 sa 79 tal-proposta, fid-dawl tal-elementi li ġejjin:

- dan l-approċċ ġenerali parzjali għandu jinftehem bi qbil dwar il-prinċipju li mhu miftiehem xejn sakemm ikun miftiehem kollox u dan ma jeskludix il-possibbiltà li jsiru bidliet fil-ġejjieni fl-Artikoli miftiehma b'mod proviżorju biex tiġi żgurata l-koerenza ġenerali tal-abbozz ta' Regolament;
- approċċ ġenerali parzjali bħal dan ikun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kwistjoni orizzontali, b'mod partikolari kull kwistjoni marbuta mal-korp permanenti;
- approċċ ġenerali parzjali bħal dan ma jagħtix mandat lill-Presidenza biex tinvolvi ruħha fi trilogi informali mal-Parlament Ewropew dwar il-parti tal-proposta li ntlaħaq qbil proviżorju dwarha.

TAQSIMA 8***AZZJONI MILL-AĠENZIJA FIL-QASAM TA' RITORNI****Artikolu 49-1[...]¹****Responsabbiltà kondiviża***

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika u operazzjonali fl-implimentazzjoni ta' miżuri marbutin [...] mar-ritorni [...], fuq talba tal-Istati Membri kkonċernati, jew b'inizjattiva tal-Aġenzija u bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati u soġġett għall-kompetenza tagħhom. L-Istati Membri għandhom iżommu r-responsabbiltà li joħorġu d-deċiżjonijiet ta' ritorn u li jadottaw il-miżuri marbutin mad-detenzjoni tal-persuni rimpatrijati f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE.

*Artikolu 49****Ritorn***

1. L-Aġenzija għandha, fir-rigward tar-ritorn, u skont ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji ġenerali mad-dritt tal-Unjoni kif ukoll għad-dritt internazzjonali, inkluża l-protezzjoni tar-refuġjati u d-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari:
- (a) tipprovdi assistenza teknika u operazzjonali lill-Istati Membri fil-fażijiet kollha [...] tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż billi tipprovdi assistenza fl-attivitàjiet preparatorji meħtieġa għall-ħruġ ta' [...] deċiżjonijiet ta' ritorn [...] u attivitàjiet oħrajn ta' qabel ir-ritorn, [...] relatati mar-ritorn u ma' wara r-ritorn u wara l-wasla tal-Istati Membri, inkluż [...] ritorn volontarju assistit, sabiex tinholq sistema integrata ta' ġestjoni tar-ritorn bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, bil-parteciġazzjoni tal-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra;

¹ Dan it-test għandu jiġi integrat fl-Artikolu 7(2), wara eżami tal-Artikolu sħiħ.

- (b) tipprovdi assistenza teknika u operazzjonali lil Stati Membri li jesperjenzaw sfidi fir-rigward tar-ritorn jew [...] tal-indirizzar tal-pressjoni migratorja, inkluż bl-istazzjonar ta' timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni [...]
- (c) tiżviluppa mudell ta' referenza mhux vinkolanti għal sistema nazzjonali ta' ġestjoni ta' każijiet ta' ritorn [...] li jiddeskrivi l-istruttura [...] ta' tali sistemi, kif ukoll jipprovdi assistenza teknika u operazzjonali lill-Istati Membri fl-iżvilupp [...] ta' tali sistemi [...] kompatibbli mal-mudell;
- (d) tiżviluppa u topera sistema ċentrali u infrastruttura ta' komunikazzjoni [...] li tippermetti l-konnessjoni tas-sistemi ta' ġestjoni ta' ritorn nazzjonali tal-Istati Membri [...] mas-sistema ċentrali, għall-iskambju ta' data u informazzjoni, inkluż l-iskambju awtomatizzat ta' data statistika, kif ukoll tipprovdi assistenza teknika u operazzjonali lil Stati Membri biex jikkollegaw ruħhom mal-istruttura ta' komunikazzjoni;
- (e) tipprovdi assistenza teknika u operazzjonali lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terz u l-akkwiżizzjoni ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, inkluż permezz ta' kooperazzjoni konsulari mingħajr ma tiġi żvelata informazzjoni relatata mal-fatt li tkun saret applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali; torganizza u tikkoordina operazzjonijiet ta' ritorn u tipprovdi appoġġ għal [...] ritorn volontarju, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri;
- (f) torganizza, tippromwovi u tikkoordina attivitajiet li jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni u l-identifikazzjoni u l-qsim tal-aħjar Prattika fi kwistjonijiet ta' ritorn bejn l-Istati Membri;
- (g) tiffinanzja jew tikkofinanzja l-operazzjonijiet, l-interventi u l-attivitajiet, inkluż [...] l-ispejjeż imġarrba għall-iżvilupp jew adattament neċessarju tas-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tar-ritorn [...], imsemmija f'dan il-Kapitolu mill-baġit tagħha, f'konformità mar-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija.

[...] [...] ²³

2. L-assistenza teknika u operazzjonali msemija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandha tinkludi attivitajiet biex tgħin lill-Istati Membri jwettqu proċeduri ta' ritorn mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti billi jipprovdu, b'mod partikolari:
 - (a) servizzi ta' interpretazzjoni;
 - (b) informazzjoni Prattika, analiżi u rakkomandazzjonijiet dwar pajjiżi terzi ta' ritorn rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'kooperazzjoni, fejn xieraq, ma' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni inkluż l-EASO;
 - (c) pariri fuq u assistenza teknika u operazzjonali fl-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' proċeduri ta' ritorn f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE, inkluż billi tipprovdi assistenza fl-attivitajiet preparatorji meħtieġa għall-ħruġ [...] ta' deċiżjonijiet ta' ritorn, fl-identifikazzjoni u fl-akkwiżizzjoni ta' dokumenti tal-ivvjaġġar;
 - (d) pariri u assistenza, f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE u mad-dritt internazzjonali, dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri li jittieħdu mill-Istati Membri li jkunu meħtieġa biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' persuni rimpatrijati għal skopijiet ta' ritorn [...] kif ukoll [...] biex jiġi evitat li persuni rimpatrijati jevadu l-ġurisdizzjoni;
 - (e) taġġmir, kapaċitajiet u għarfien espert għall-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u għall-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.
3. L-Aġenzija għandha l-għan li tibni sinerġiji u torbot networks u programmi ffinanzjati mill-Unjoni fil-qasam tar-ritorn, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u bl-appoġġ tal-partijiet ikkonċernati, fosthom in-Netzwerk Ewropew tal-Migrazzjoni.

² [...]

³ Ċerti delegazzjonijiet ħeġġu li din il-kwistjoni tiġi indirizzata fil-kuntest tad-diskussjonijiet b'rabta mal-kompiti tal-Aġenzija (Artikolu 10).

4. L-Aġenzija tista' b'eċċezzjoni tirċievi għotjiet minn fondi tal-Unjoni dedikati għal attivitajiet ta' ritorn f'konformità mar-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija. L-Aġenzija għandha tiżgura li fil-ftehimiet tagħha ta' għotja mal-Istati Membri kull appoġġ finanzjarju jingħata bil-kundizzjoni li jkun hemm rispett sħiħ tal-Karta.

Artikolu 50

Sistemi għall-iskambju ta' informazzjoni u l-ġestjoni ta' ritorn

[...]

1. [...] L-Aġenzija għandha tistabbilixxi, topera u żżomm sistema għall-iskambju ta' informazzjoni, skont l-Artikolu 49(1)(d), għall-ipproċessar ta' informazzjoni u data operazzjonali, kif ukoll data personali kkomunikata permezz tas-sistemi ta' ġestjoni ta' ritorn nazzjonali tal-Istati Membri, li l-Aġenzija teħtieġ biex tipprovdi assistenza teknika u operazzjonali [...] ⁴. Din id-data personali għandha tinkludi biss [...]:
- (a) biex l-Aġenzija tagħti assistenza fil-konferma tal-identità u n-nazzjonalità taċ-ċittadini ta' pajjiż terz, [...] id-data bijografika jew bijometrika [...], inkluż it-tipi kollha ta' dokumenti li jistgħu jitqiesu bħala prova jew evidenza prima facie tan-nazzjonalità;

⁴ Premessa ġdida li għandha tiżdied: L-istandards tekniċi għas-sistemi ta' informazzjoni u l-applikazzjonijiet tas-software għandhom ikunu allinjati mal-istandards li jintużaw minn eu LISA għas-sistemi l-oħra tal-IT fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(b) [...] biex l-Aġenzija tkun tista' tassisti fil-koordinazzjoni jew l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn lejn pajjiżi terzi, irrispettivament mill-mezz ta' trasport, id-data bijografika jew il-listi tal-passiġġieri;

2. L-Aġenzija għandha wkoll tiżviluppa, tistazzjona u topera applikazzjonijiet ta' software li jippermettu l-iskambju ta' [...] informazzjoni għall-fini ta' attivitajiet ta' ritorn fi ħdan il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, kif ukoll mal-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi, jew organizzazzjonijiet internazzjonali, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444, u mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443.
3. L-applikazzjonijiet ta' software jistgħu wkoll jippermettu l-iskambju tad-data personali [...], fejn dan l-iskambju jkun meħtieġ għall-finijiet definiti [...] fl-Artikoli 88(a) u (b), skont id-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 87 sa 89.
4. Id-data personali għandha tiġi skambjata skont l-Artikoli 87 u 89, kif applikabbli.⁵ [...]

Artikolu 51

Operazzjonijiet ta' ritorn

1. Mingħajr ma toqgħod tidħol fil-mertu tad-deċiżjonijiet ta' ritorn, l-Aġenzija għandha tipprovdi l-assistenza teknika u operazzjonali meħtieġa u tiżgura l-koordinazzjoni jew l-organizzazzjoni tal-operazzjonijiet ta' ritorn, inkluż permezz tal-kiri ta' inġenji tal-ajru għall-fini ta' tali operazzjonijiet jew l-organizzazzjoni ta' ritorni fuq titjiriet skedati. L-Aġenzija tista', fuq inizjattiva proprja, f'konformità mal-Artikolu [...] 49-1, tikkoordina jew torganizza operazzjonijiet ta' ritorn.

⁵ Tħassir propost minħabba l-fatt li ż-żamma u t-tħassir tad-data huma ċarament regolati fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data applikabbli għall-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, li ser jiġi adottat dalwaqt u jieħu post ir-Regolament KE 45 2001.

2. L-Istati Membri, bl-użu tas-sistema msemmija fl-Artikolu 50(1), [...] għandhom jipprovdu d-data operazzjonali fuq ritorn meħtieġa għall-valutazzjoni ta' ħtiġijiet ta' ritorn mill-Aġenzija u jinformaw lill-Aġenzija dwar l-ippjanar indikattiv tagħhom tan-numru ta' dawk li jirritornaw u tal-pajjiżi terzi ta' ritorn, it-tnejn fir-rigward tal-operazzjonijiet nazzjonali rilevanti ta' ritorn, u dwar il-ħtiġijiet tagħhom għal assistenza jew koordinazzjoni mill-Aġenzija. L-Aġenzija għandha tfassal u żżomm pjan operazzjonali kontinwu sabiex tipprovdi lill-Istati Membri bl-assistenza u bir-rinforz operazzjonali meħtieġ, inkluż permezz ta' tagħmir tekniku. L-Aġenzija, fuq l-inizjattiva tagħha stess f'konformità mal-Artikolu [...] 49-1 jew fuq it-talba ta' Stat Membru, tista' tinkludi fil-pjan operazzjonali kontinwu d-dati u d-destinazzjonijiet tal-operazzjonijiet ta' ritorn li tqis li huma meħtieġa, fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet. Il-bord manigġerjali għandu jiddeċiedi, fuq proposta tad-direttur eżekuttiv, fuq il-modus operandi tal-pjan operazzjonali li jkun għaddej.
3. L-Aġenzija tista' tipprovdi assistenza teknika u operazzjonali u, jew fuq talba tal-Istati Membri parteċipanti jew fuq l-inizjattiva tagħha stess f'konformità mal-Artikolu [...] 49-1, tista' wkoll tiżgura l-koordinazzjoni jew l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn, li għalihom il-meżżi ta' trasport u l-iskorti tar-ritorn furzat huma pprovduti minn pajjiż tar-ritorn ("operazzjonijiet ta' ritorn bi għbir"). L-Istati Membri parteċipanti u l-Aġenzija għandhom jiżguraw li l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, il-prinċipju ta' non-refoulement, u l-użu proporzjonat ta' meżżi ta' restrizzjoni jkunu garantiti matul l-operazzjoni ta' ritorn kollha. Mill-anqas rappreżentant wieħed ta' Stat Membru u kontrollur wieħed tar-ritorn furzat mir-riżerva stabbilita skont l-Artikolu 52 jew mis-sistema ta' sorveljanza nazzjonali tal-Istat Membru parteċipanti għandhom ikunu preżenti matul l-operazzjoni kollha ta' ritorn sal-wasla fil-pajjiż tar-ritorn.
4. Id-direttur eżekuttiv għandu jfassal pjan ta' ritorn mingħajr dewmien għall-operazzjonijiet ta' ritorn bi għbir. Id-direttur eżekuttiv u kwalunkwe Stat Membru parteċipanti għandu jaqbel dwar il-pjan li jagħti dettalji dwar l-aspetti organizzattivi u proċedurali tal-operazzjonijiet ta' ritorn bi għbir, filwaqt li jitqiesu l-implikazzjonijiet fuq id-drittijiet fundamentali u r-riskji ta' dawn l-operazzjonijiet. Kwalunkwe emenda jew adattament ta' dan il-pjan għandhom jirrikjedu l-qbil tal-partijiet imsemmija fil-paragrafu 3 u f'dan il-paragrafu.
- [...] Il-pjan ta' ritorn tal-operazzjonijiet ta' ritorn bi għbir għandu jorbot lill-Aġenzija u kwalunkwe Stat Membru parteċipanti. Għandu jkopri l-passi kollha li huma meħtieġa għat-twettiq tal-operazzjonijiet ta' ritorn bi għbir.

5. [...] L-operazzjonijiet ta' ritorn li jkunu organizzati u kkoordinati mill-Aġenzija għandhom jiġu mmonitorjati f'konformità mal-Artikolu 8(6) tad-Direttiva 2008/115/KE. [...] Il-kontrollur tar-ritorn imġiegħel għandu jressaq rapport dwar kull operazzjoni mmonitorjata tar-ritorn imġiegħel lid-direttur eżekuttiv, lill-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri kollha involuti f'dik l-operazzjoni. Jekk ikun neċessarju, għandu jiġi żgurat segwitu xieraq mid-direttur eżekuttiv u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivament.
- 5a. Jekk l-Aġenzija jkollha tħassib dwar ir-rispett tad-drittijiet fundamentali matul operazzjoni ta' ritorn, hija għandha tikkomunikahom lill-Istati Membri parteċipanti u lill-Kummissjoni.
6. Id-direttur eżekuttiv għandu jevalwa r-riżultati tal-operazzjonijiet ta' ritorn u se jittrażmetti kull sitt xhur rapport ta' evalwazzjoni dettaljat li jkopri l-operazzjonijiet kollha ta' ritorn mwettqa matul is-sempju preċedenti lill-bord manidżerjali, flimkien mal-osservazzjonijiet tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali. Id-direttur eżekuttiv għandu jagħmel analiżi komparattiva u komprensiva ta' dawk ir-riżultati bl-iskop li tittejjeb il-kwalità, il-koerenza u l-effettività tal-operazzjonijiet ta' ritorn futuri. Id-direttur eżekuttiv għandu jinkludi dik l-analiżi fir-rapport tiegħu ta' attività annwali tal-Aġenzija.
7. L-Aġenzija għandha tiffinanzja jew tikkofinanzja l-operazzjonijiet ta' ritorn mill-baġit tagħha, f'konformità mar-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija, filwaqt li tagħti prijorità lil dawk imwettqa minn aktar minn Stat Membru, jew minn żoni hotspot [jew ċentri kkontrollati].

Riżerva ta' kontrolluri tar-ritorn furzat

1. L-Aġenzija għandha, wara li tikkonsulta mal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali, toħloq riżerva ta' kontrolluri tar-ritorn furzat minn korpi kompetenti tal-Istati Membri li jwettqu attivitajiet ta' monitoraġġ ta' operazzjonijiet ta' ritorn furzat f'konformità mal-Artikolu 8(6) tad-Direttiva 2008/115/KE u li jkunu tħarrġu f'konformità mal-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament.
2. Il-bord maniġerjali għandu, fuq proposta tad-direttur eżekuttiv, jiddetermina l-profil u n-numru ta' kontrolluri tar-ritorn furzat li għandu jkun disponibbli għal dik ir-riżerva. L-istess proċedura għandha tapplika fir-rigward ta' kwalunkwe bidla sussegwenti fil-profil u n-numri globali. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jikkontribwixxu għar-riżerva billi jaħtru kontrolluri ta' ritorn furzat, [...] li jikkorrispondu mal-profil definit, mingħajr preġudizzju għall-indipendenza, jekk ikun il-każ, ta' dawn il-kontrolluri skont il-liġi nazzjonali. Il-kontrolluri tar-ritorn furzat b'kompetenza esperta speċifika fil-protezzjoni tat-tfal għandhom jiġu inklużi fir-riżerva.
3. Il-kontribuzzjoni tal-Istati Membri tal-kontrolluri tar-ritorn furzat tagħhom għal operazzjonijiet u interventi ta' ritorn speċifiċi għas-sena ta' wara għandu jiġi ppjanat fuq il-bażi ta' negozjati u ftehimiet bilaterali annwali bejn l-Aġenzija u l-Istati Membri. F'konformità ma' dawk il-ftehimiet, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kontrolluri tar-ritorn furzat disponibbli biex jintbagħtu fuq it-talba tal-Aġenzija, sakemm ma jiġux iffaċċati b'sitwazzjoni eċċezzjonali li taffettwa sostanzjalment it-twettiq ta' kompiti nazzjonali. Tali talba għandha ssir mill-anqas 21 jum ta' xogħol qabel l-istazzjonar maħsub, jew ħamest ijiem ta' xogħol f'każ ta' intervent ta' ritorn rapidu.
4. L-Aġenzija għandha tagħmel lill-kontrolluri tar-ritorn furzat disponibbli, fuq talba, lill-Istati Membri parteċipanti biex jissorveljaw, f'isimhom, l-implimentazzjoni korretta tal-operazzjoni ta' ritorn u l-interventi ta' ritorn tul id-dewmien tagħhom. Hija għandha tagħmel disponibbli kontrolluri tar-ritorn furzat b'kompetenza esperta speċifika fil-protezzjoni tat-tfal għal kull operazzjoni ta' ritorn li tinvolvi t-tfal.

5. Il-kontrolluri tar-ritorn furzat għandhom jibqgħu soġġetti għall-miżuri dixxiplinarji tal-Istat Membru ta' orijini tagħhom matul operazzjoni ta' ritorn jew intervent ta' ritorn.

Artikolu 53

Timijiet ta' ritorn

1. L-Aġenzija tista' tistazzjona timijiet ta' ritorn jew fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizzjattiva tagħha stess, [...] f'konformità mal-Artikolu [...] 49-1, waqt interventi ta' ritorn, fil-qafas ta' timijiet ta' ġestjoni tal-migrazzjoni jew kif meħtieġ biex tipprovdi assistenza teknika u operazzjonali addizzjonali fil-qasam tar-ritorn, inkluż fl-isfidi li huma marbuta ma' pressjoni migratorja, ma' flussi migratorji mħallta kbar jew [...] ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi salvati fuq il-baħar.
2. L-Artikolu 41(2),(3),(4) u (5), u l-Artikoli 44, 45 u 46 għandhom japplikaw mutatis mutandis għat-timijiet Ewropej tar-ritorn.

Artikolu 54

Interventi ta' ritorn

1. F'ċirkostanzi fejn Stat Membru jkun qed jiffaċċa piż meta jimplimenta l-obbligu ta' ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu soġġetti għal deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru, l-Aġenzija għandha, jew fuq inizzjattiva tagħha stess, [...] f'konformità mal-Artikolu [...] 49-1, jew fuq talba ta' dak l-Istat Membru, tipprovdi l-assistenza teknika u operazzjonali xierqa fil-forma ta' intervent ta' ritorn. Tali intervent jista' jikkonsisti fl-istazzjonar ta' timijiet ta' ritorn għall-Istati Membri ospitanti għall-provvista ta' assistenza fl-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' ritorn u fl-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn mill-Istati Membri ospitanti.

2. L-Aġenzija tista' tniedi wkoll interventi ta' ritorn f'pajjiżi terzi, ibbażati fuq id-direzzjonijiet imfassla fiċ-ċiklu ta' politika strateġika pluriennali f'konformità mal-Artikolu 74(2), fejn tali pajjiż terz jirrikjedi assistenza teknika u operazzjonali addizzjonali fir-rigward tal-attivitajiet ta' ritorn tagħha. Tali intervent jista' jikkonsisti fl-istazzjonar ta' timijiet ta' ritorn għall-għan ta' provvista ta' assistenza teknika u operazzjonali għal attivitajiet ta' ritorn tal-pajjiż terz.
3. F'ċirkostanzi fejn Stat Membru jkun qed jiffaċċa sfida speċifika u sproporzjonata meta jimplimenta l-obbligi tiegħu li jirritorna ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjonijiet ta' ritorn, l-Aġenzija għandha, jew fuq inizzjattiva tagħha stess, [...] f'konformità mal-Artikolu[...] 49-1, jew fuq talba ta' dak l-Istat Membru, tipprovdi l-assistenza teknika u operazzjonali xierqa fil-forma ta' intervent ta' ritorn rapidu. Intervent ta' ritorn rapidu jista' jikkonsisti fl-istazzjonar rapidu ta' timijiet ta' ritorn għall-Istati Membri ospitanti għall-provvista ta' assistenza fl-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' ritorn u fl-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn mill-Istati Membri ospitanti.
4. Fil-kuntest ta' intervent ta' ritorn, id-direttur eżekuttiv għandu jfassal pjan operazzjonali mingħajr dewmien, bi qbil mal-Istat Membru ospitanti u l-Istati Membri li jipparteċipaw. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 għandhom japplikaw.
5. Id-direttur eżekuttiv għandu jieħu deċiżjoni dwar il-pjan operazzjonali kemm jista' jkun malajr u, fil-każ imsemmi fil-paragrafu 2, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol. Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata minnufih, bil-miktub, lill-Istati Membri kkonċernati u lill-bord maniġerjali.
6. L-Aġenzija għandha tiffinanzja jew tikkofinanzja interventi ta' ritorn mill-baġit tagħha f'konformità mar-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija.

Premessa ġdida (relatata mal-Artikolu 72(2))

L-assistenza lil pajjiżi terzi għandha tikkomplementa l-appoġġ tal-Aġenzija lill-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' miżuri tal-Unjoni relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn.

Premessa ġdida (relatata mal-Artikolu 74)

Il-ftehimiet bilaterali u multilaterali konklużi mill-Istati Membri ma' pajjiżi terzi fl-oqsma koperti mill-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri jista' jkun fihom informazzjoni sensittiva rigward is-sigurtà. Meta dawn jiġu notifikati lill-Kummissjoni, għandhom jiġu ttrattati kif adatt.

SUBTAQSIMA 2

KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI

Artikolu 72

Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi

1. F'konformità mal-Artikolu 3 (g), l-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jikkooperaw ma' pajjiżi terzi għall-għanijiet tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri u tal-politika dwar il-migrazzjoni, inkluż ir-ritorni.
2. Abbażi tal-prijoritajiet tal-politika stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 8(4), l-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika u operazzjonali lil pajjiżi terzi fil-qafas tal-politika għall-azzjoni esterna tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipju ta' non-refoulement.
3. L-Aġenzija u l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni, inkluż in-normi u l-istandards li jiffurmaw parti mill-acquis tal-Unjoni anki meta l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sseħħ fit-territorju ta' daww il-pajjiżi.

Artikolu 73
Kooperazzjoni tal-Istati Membri ma' pajjiżi terzi

1. [...] L-Istati Membri jistgħu [...] jikkooperaw [...] fuq livell operazzjonali [...] ma' pajjiż terz wieħed jew diversi **fl-oqsma koperti mis-suġġett ta' dan ir-Regolament**. Tali kooperazzjoni [...] **tista' tinkludi** skambju ta' informazzjoni **u [...] tista' sseħħ** abbażi ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali, [...] **forom oħra ta' arranġamenti, jew** permezz ta' networks reġjonali stabbiliti abbażi ta' dawk il-ftehimiet.
2. Meta jikkonkludu l-ftehimiet bilaterali u multilaterali msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri [...] jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni [...] **għall-fini tal-EUROSUR, [...] Jekk tali ftehimiet jinkludu dispożizzjonijiet bħal dawn, għandhom japplikaw [...] l-Artikolu 76(2) u l-Artikolu 90.**
3. Il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni u mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet fundamentali u dwar il-protezzjoni internazzjonali, inkluż il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement. Meta jimplimentaw ftehimiet ta' dan it-tip, anke wara li jikkunsidraw l-Artikolu 8, l-Istati Membri għandhom [...] jivvalutaw u jqisu s-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż terz.

Artikolu 74
Kooperazzjoni bejn l-Aġenzija u pajjiżi terzi

1. L-Aġenzija tista' tikkoopera mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi kompetenti fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament u sal-punt meħtieġ sabiex jitwettqu l-kompiti tagħha.
2. Meta tagħmel dan, [...] **l-Aġenzija** għandha taġixxi fil-qafas tal-politika għall-azzjoni esterna tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' non-refoulement, bl-appoġġ ta' u b'koordinazzjoni mad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u fejn rilevanti, mal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, **b'rispett sħiħ għall-mandat tagħhom.**

3. F'ċirkostanzi li jeħtieġu l-istazzjonar f'pajjiż terz ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri u tar-ritorn mill-[korp permanenti tal-]⁶ Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta fejn il-membri tat-tim ikunu ser jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, għandu jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mill-Unjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat. Dan il-ftehim dwar l-istatus għandu jkopri l-aspetti kollha li huma meħtieġa għat-twettiq tal-azzjonijiet. Għandu b'mod partikolari jistipula l-ambitu tal-operazzjoni, ir-responsabbiltà ċivili u kriminali u l-kompiti u s-setgħat tal-membri tat-timijiet. Il-ftehim dwar l-istatus għandu jiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali matul dawn l-operazzjonijiet.
4. Fejn disponibbli, [...] L-Aġenzija għandha taġixxi wkoll fil-qafas tal-arranġamenti ta' ħidma konklużi ma' daww l-awtoritajiet f'konformità mad-dritt u l-politika tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 77(6). Dawn l-arranġamenti ta' ħidma għandhom jispeċifikaw l-ambitu, in-natura u l-għan tal-kooperazzjoni u jkunu relatati mal-ġestjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali u jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-iskambju ta' informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata u kooperazzjoni fil-qafas tal-EUROSUR b'konformità mal-Artikolu 75 (3). Kwalunkwe arranġament ta' ħidma dwar l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata għandu jiġi konkluż b'konformità mal-Artikolu 77(6). L-Aġenzija għandha tikkonforma mad-dritt tal-Unjoni, inkluż in-normi u l-istandards li jiffurmaw parti mill-acquis tal-Unjoni.
5. L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali u tal-arranġamenti mhux legalment vinkolanti dwar kwistjonijiet ta' ritorn konklużi mill-Unjoni ma' pajjiżi terzi fil-qafas tal-politika għall-azzjoni esterna tal-Unjoni u fir-rigward ta' kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament.
6. L-Aġenzija tista' tibbenefika mill-fondi tal-Unjoni b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-istrumenti rilevanti li jappoġġaw lill-pajjiżi terzi u li huma marbutin magħhom. Tista' tniedi u tiffinanzja proġetti ta' assistenza teknika f'pajjiżi terzi fir-rigward ta' kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament u f'konformità mar-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija.
7. L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet imwettqa permezz ta' dan l-Artikolu.

⁶ L-impatt tal-kompożizzjoni tal-korp permanenti għandha tiġi kkjarifikata aktar tard meta n-negożjati dwar il-korp permanenti jkunu ġew iffinalizzati.

8. [...] L-Aġenzija għandha tinkludi valutazzjoni tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fir-rapporti annwali tagħha.

Artikolu 75

Assistenza teknika u operazzjonali pprovduta mill-Aġenzija lil Pajjiżi terzi

1. Kif stipulat fl-Artikolu 72 ([...] **2**), [...] l-Aġenzija tista' tikkoordina l-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi u tipprovdi [...] tali assistenza lil pajjiżi terzi fil-kuntest tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri inkluż rigward ir-ritorni.
2. L-Aġenzija għandu jkollha l-possibbiltà li twettaq azzjonijiet [...] fit-territorju ta' pajjiżi terzi, [...] soġġett għall-qbil ta' dak il-pajjiżi terzi [...].
3. L-operazzjonijiet fit-territorju ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu inklużi fil-programm ta' ħidma annwali **adottat mill-Bord Maniġerjali [...] skont** l-Artikolu 100**(1) u (7)**, u għandhom jitwettqu abbażi ta' pjan operazzjonali bejn l-Aġenzija u l-pajjiżi terzi ikkonċernat u f'konsultazzjoni mal-Istati Membri parteċipanti. Fil-każ ta' operazzjonijiet bħal dawn [...], il-pjan operazzjonali, **kif ukoll kwalunkwe emenda għal dak il-pjan**, għandu jgawdi l-qbil tal-Istat Membru jew l-Istati Membri ġirien **tal-pajjiżi terzi jew mal-konfini taż-żona operazzjonali** tal-pajjiżi terzi [...]. [...]

- 3a. Mingħajr preġudizzju għall-istazzjonar tal-membri tal-[korp permanenti⁷[...] tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta skont l-Artikoli 55 sa 58], il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'operazzjonijiet [...] fit-territorju ta' pajjiżi terzi għandha tkun fuq bażi volontarja. **[Jekk Stat Membru jkun qed jaffaċċa sitwazzjoni li sostanzjalment taffettwa t-tweġġ tal-kompiti nazzjonali tiegħu jew fejn is-sigurtà tal-persunal parteċipanti ma tkunx tista' tiġi garantita b'mod li jissodisfa l-Istat Membru, l-Istat Membru jista' jagħżel li ma jagħtix il-kontribuzzjoni rispettiva tiegħu għall-operazzjoni fil-pajjiżi terzi. Jekk Stat Membru jinvoka din is-sitwazzjoni eċċezzjonali, huwa għandu jagħti raġunijiet u informazzjoni komprensivi dwar is-sitwazzjoni lill-Aġenzija bil-miktub, u dan il-kontenut għandu jiġi inkluż fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 65.⁸]**
- 3b. Il-pjanijiet operazzjonali msemmija fil-paragrafu 3 jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni għall-fini tal-EUROSUR f'konformità mal-Artikoli 76(2) u 90.
4. L-Aġenzija tista' tipprovdi assistenza għall-attivitajiet tar-ritorn ta' pajjiżi terzi u tiżgura l-koordinazzjoni jew l-organizzazzjoni tal-operazzjonijiet ta' ritorn, li matulhom għadd ta' persuni rimpatrijati jkunu jiġu ritornati minn dan il-pajjiżi terzi lejn pajjiżi terzi ieħor. Operazzjonijiet ta' ritorn bħal dawn jistgħu jiġu organizzati bil-parteċipazzjoni ta' Stat Membru wiehied jew aktar ("operazzjonijiet ta' ritorn imħallta") jew bħala operazzjonijiet ta' ritorn nazzjonali, b'mod partikolari meta dan ikun ġustifikat mill-prijoritajiet tal-politika dwar il-migrazzjoni irregolari tal-Unjoni. L-Istati Membri parteċipanti u l-Aġenzija għandhom jiżguraw li l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u l-użu proporzjonat ta' mezzi ta' restrizzjoni jkunu garantiti matul l-operazzjoni kollha ta' tneħħija, b'mod partikolari bil-preżenza tal-kontrolluri tar-ritorn furzat u tal-iskorti tar-ritorn furzat ta' pajjiżi terzi.

⁷ Ibid.

⁸ **Din iż-żieda hi soġġetta għal aktar negozjati f'diskussjonijiet futuri dwar il-korp permanenti.**

Artikolu 76

Skambju ta' informazzjoni ma' Pajjiżi terzi fil-qafas tal-EUROSUR

1. Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 21u, fejn rilevanti, l-Aġenzija, għandhom ikunu l-punti ta' kuntatt għall-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi [...] għall-fini tal-EUROSUR.
2. Id-dispożizzjonijiet għall-iskambju ta' informazzjoni [...] għall-fini tal-EUROSUR imsemmija fl-Artikolu [...] 73 (2) għandhom [...] **jindirizzaw**:
 - (a) l-istampi tas-sitwazzjonijiet speċifiċi kondiviżi ma' pajjiżi terzi;
 - (b) id-data li toriġina minn pajjiżi terzi li tista' tiġi kondiviża fl-Istampa tas-Sitwazzjoni Ewropea u l-proċeduri għall-kondiviżjoni ta' din id-data;
 - (c) il-proċeduri u l-kundizzjonijiet li skonthom jistgħu jingħataw is-Servizzi ta' Fużjoni tal-EUROSUR lill-Awtoritajiet ta' pajjiżi terzi;
 - (d) il-modalitajiet tal-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni ma' osservaturi ta' pajjiżi terzi għall-għan tal-EUROSUR.
3. L-informazzjoni pprovduta fil-kuntest tal-EUROSUR mill-Aġenzija jew minn Stat Membru li mhux parti għal ftehim kif imsemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 73 ma għandhiex tiġi kondiviża ma' pajjiżi terzi taħt dak il-ftehim mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Aġenzija jew ta' dak l-Istat Membru. L-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom ikunu marbuta bir-rifjut li jikkondividu dik l-informazzjoni mal-pajjiżi terzi ikkonċernat.

Artikolu 77

Rwol tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi

1. Il-Kummissjoni għandha tinnegozja l-ftehim dwar l-istatus imsemmi fl-Artikolu 74 (3) f'konformità mal-Artikolu 218(3) TFUE.

2. Il-Kummissjoni [...] f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-Aġenzija, għandha tfassal dispożizzjonijiet mudell[...] għall-iskambju ta' informazzjoni fil-qafas tal-EUROSUR [...] f'konformità mal-Artikolu 71(2), u l-Artikolu 73(2).

Wara li tikkonsulta lill-Aġenzija, il-Kummissjoni għandha tfassal mudell tal-arranġamenti ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 74.

[...] [...]²

- [...]3. Qabel jiġi konkluż ftehim bilaterali jew multilaterali ġdid imsemmi fl-Artikolu 73 (1), l-Istat/i Membru/i għandu/hom [...] **jagħti/u notifika lill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet abbozzati tiegħu/tagħhom li huma marbutin mal-ġestjoni tal-fruntieri u mar-ritorn**[...] lill-Kummissjoni.

- [...]4. [...] **L-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħtu notifika lill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bilaterali u multilaterali eżistenti u ġodda msemmija fl-Artikolu 73 (1) marbutin mal-ġestjoni tal-fruntieri u mar-ritorn, u l-Kummissjoni għandha [...] tgħarraf lill-Kunsill u lill-Aġenzija dwar dawn."**

- [...] 5. Qabel ma l-Bord Maniġerjali japprova kwalunkwe arranġament ta' ħidma [...] bejn l-Aġenzija u [...] l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi [...], l-Aġenzija għandha tinnotifika dawn l-arranġamenti lill-Kummissjoni, li għandha tagħti l-approvazzjoni tagħha l-ewwel. Ladarba jiġu konklużi arranġamenti ta' ħidma, Aġenzija għandha tinnotifikahom lill-Kummissjoni, li għandha tgħarraf [...] lill-Kunsill dwar dan.

² **Daħħal fil-paragrafu 5**

[...]6. L-Aġenzija għandha tinnotifika l-pjanijiet operazzjonali msemmija fl-Artikolu 75 (3) lill-Kummissjoni. Id-deċiżjoni biex jiġu stazzjonati uffiċjali ta' kollegament f'pajjiżi terzi skont l-Artikolu 78 għandha tkun soġġetta għall-irċevuta tal-opinjoni minn qabel tal-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm informat bis-sħiħ dwar dawk l-attivitajiet mingħajr dewmien.

Artikolu 78

Uffiċjali ta' kollegament tal-Aġenzija f'pajjiżi terzi

1. L-Aġenzija tista' tistazzjona esperti mill-persunal statutorju¹⁰ **kif ukoll esperti oħrajn** tagħha bħala uffiċjali ta' kollegament, li għandhom igawdu mill-ogħla protezzjoni possibbli meta jwettqu dmirijethom f'pajjiżi terzi. Għandhom jiffurmaw parti min-netwerks ta' kooperazzjoni lokali jew reġjonali tal-uffiċjali ta' kollegament dwar l-immigrazzjoni u esperti tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż in-netwerk imwaqqaf skont ir-Regolament (KE) Nru 377/2004. Bid-deċiżjoni tal-bord maniġerjali, l-Aġenzija tista' tistabbilixxi l-profilu speċifiċi tal-uffiċjali ta' kollegament, bħall-uffiċjali ta' kollegament tar-ritorn, skont il-ħtiġijiet operazzjonali fir-rigward tal-pajjiżi terzi ikkonċernat.
2. Fil-qafas tal-politika għall-azzjoni esterna tal-Unjoni, għandha tingħata prijorità għall-istazzjonament ta' uffiċjali ta' kollegament lil dawk il-pajjiżi terzi li, abbażi ta' analiżi tar-riskju, jikkostitwixxu pajjiż ta' oriġini jew tranżitu fir-rigward tal-immigrazzjoni illegali. L-Aġenzija tista' tirċievi uffiċjali ta' kollegament mibgħuta minn dawk il-pajjiżi terzi fuq bażi reċiproka. Fuq proposta tad-direttur eżekuttiv, il-bord maniġerjali għandu jadotta lista ta' prijoritajiet fuq bażi annwali. L-istazzjonar tal-uffiċjali ta' kollegament għandu jiġi approvat mill-bord maniġerjali, skont l-opinjoni tal-Kummissjoni.

¹⁰ Ibid.

3. Filwaqt li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni u filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, il-kompiti tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Aġenzija għandhom jinkludu l-istabbiliment u ż-żamma ta' kuntatti mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi fejn ikunu assenjati bl-għan li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u [...] r-ritorni [...], fosthom billi jipprovdu assistenza teknika fl-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terzi u l-kisba ta' dokument tal-ivvjaġġar. Dawk l-uffiċjali ta' kollegament għandhom jikkoordinaw mill-qrib mad-delegazzjonijiet tal-Unjoni, mal-Istati Membri f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 377/2004 u, fejn rilevanti, ma' missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK.
4. **F'pajjiżi terzi fejn l-Aġenzija ma tistazzjonax uffiċjali ta' kollegament tar-ritorn, l-Aġenzija tista' tappoġġa l-istazzjonar ta' uffiċjali ta' kollegament tar-ritorn minn Stati Membri biex jagħti appoġġ lil Stati Membri, kif ukoll lill-attivitajiet tal-Aġenzija, f'konformità mal-Artikolu 49.**

Artikolu 79

Osservaturi li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Aġenzija

1. Bi ftehim mal-Istati Membri kkonċernati, l-Aġenzija tista' tistieden osservaturi mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali u missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK biex jipparteċipaw fl-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari operazzjonijiet konġunti u proġetti pilota, analiżi tar-riskju u taħriġ, sakemm il-preżenza tagħhom tkun tikkonforma mal-għanijiet ta' dawn l-attivitajiet, tkun tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki, u ma taffettwax is-sikurezza u s-sigurtà ġenerali ta' dawk l-attivitajiet. Il-parteeċipazzjoni ta' dawk l-osservaturi fl-analiżi tar-riskju u t-taħriġ tista' sseħħ biss bi ftehim mal-Istati Membri kkonċernati. Fir-rigward ta' operazzjonijiet konġunti u proġetti pilota, il-parteeċipazzjoni tal-osservaturi għandha tkun soġġetta għal ftehim mal-Istat Membru ospitanti. Il-pjan operazzjonali għandu jinkludi regoli dettaljati dwar il-parteeċipazzjoni tal-osservaturi. Dawk l-osservaturi għandhom jirċievu taħriġ meħtieġ mill-Aġenzija qabel il-parteeċipazzjoni tagħhom.

2. Bi ftehim mal-Istati Membri kkonċernati, l-Aġenzija tista' tistieden osservaturi minn pajjiżi terzi biex jipparteċipaw fl-attivitajiet tagħha fil-fruntieri esterni msemmija fl-Artikolu 37, fl-operazzjonijiet ta' ritorn imsemmija fl-Artikolu 51, fl-interventi ta' ritorn imsemmija fl-Artikolu 54 u fit-taħriġ imsemmi fl-Artikolu 62, sakemm il-preżenza tagħhom tkun tikkonforma mal-oġettivi ta' dawn l-attivitajiet, tkun tista' tikkontribwixxi għat-titjib fil-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki, u ma taffettwax is-sikurezza ġenerali ta' dawn l-attivitajiet. Il-parteċipazzjoni ta' daww l-osservaturi tista' sseħħ biss bil-ftehim tal-Istati Membri kkonċernati fir-rigward tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 37, 43, 51 u 62 u biss bil-ftehim tal-Istat Membru ospitanti fir-rigward ta' daww imsemmija fl-Artikoli 37 u 54. Il-pjan operazzjonali għandu jinkludi regoli dettaljati dwar il-parteċipazzjoni tal-osservaturi. Daww l-osservaturi għandhom jirċievu taħriġ meħtieġ mill-Aġenzija qabel il-parteċipazzjoni tagħhom. Għandhom ikunu meħtieġa li jaderixxu mal-kodiċi ta' kondotta tal-Aġenzija meta jkunu qed jipparteċipaw fl-attivitajiet tagħha.
-